MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta tat-2 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 128/2003

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Andrew Cilia abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip *comprehensive* u tal-Ligi u l-istess Andrew Cilia**

**Vs**

**Simon Tabone**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici noe et talbet sabiex prevja kull dikjarazzjoni ta' responsabbilta' skond il-Ligi, il-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta' elfejn u tmienja u ghoxrin Lira Maltin u seba' centezmi

(Lm2028.07), in kwantu ghall-ammont ta' elf disa, mija u tlieta u hamsin Lira Maltin u seba' centezmi (Lm1953.07), jew somma ohra verjuri lis-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, ammont rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur assigurat taghha Andrew Cilia, u li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta' attrici, u in kwantu ghas-somma ta' hamsa u sebghin Lira Maltin (Lm75.00) lill-attur Andrew Cilia ammont rapprezentanti *excess payment* mill-konvenut mhallas, liema danni gew sofferti bhala rizultat ta' l-incident awtomobilisitku li sehh fit-12 ta' April 2002 ghall-habta ta' 7.15p.m. gewwa Triq id-Dejma, Fgura, bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NAD 279 proprjeta' ta' l-attur Andrew Cilia, misjuqa minn Nadia Cilia u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni KAD 838, liema incident sehh unikament bhala rizultat tat-traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002, u ta' l-ittra ufficjali li inbaghtet fid-data tal-avviz lis-socjeta' Untours Insurance Agents Ltd bhala agenti tas-socjeta' estera Qatar Insurance Company, u interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002, sad-data tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi r-rikors a fol 10 tal-atti li, sallum ma kienx notifikat kif ordnat oltre l-verbal tas-seduta tallum;

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talbiet attrici, liema nota giet presentata llum stess, “seduta stante”;

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa t-talbiet attrici kif dedotti mill-istess avviz u tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas kwantu ghal Lm1953.07 lis-socjeta attrici nomine, kwantu ghal Lm75 lill-attur Andrew Cilia, b'kollox Lm2028.07,0 oltre l-imghax legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta' din il-procedura inkuzi dawk tal-ittri

ufficjali tat-18 ta’ Novembru 2002 u tal-25 ta’ Frar 2003, imsemmijin fl-istess avviz.

---------------------------------TMIEM---------------------------------